10 ta' Novembru, 1944.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Bernarda Micallef et. *versus* Antonio Cachia**

**Retratt — Depożitu — Kondizzjoni — Rivendizzjoni — Imgħax — Art. 1150 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*Il-kondizzjoni li jagħmel ir-retraent fiċ-ċedola tad-depożitu reintegratiċ tad-depożitu li jkun sar biex jiġi eżerċitat l-irkupru, fis-sens illi r-retrattarju għandu u l-kredituri għandhom jiħdu l-ġurament tas-somom sborsati u tas-somom li rċevew rispettivament qabel ma ikunu jistgħu jiżbankaw dak id-depożitu, ma tinvalidax l-irkupru. Tista' biss tissospendi r-rivendizzjoni sakemm dik il-kondizzjoni tiġi eliminata, u tista' ġġib il-konsegwenza li jibqa' għaddej l-imgħax sakemm l-iżbank isir liberu.*

*Għalkemm il-fatt li dik il-kondizzjoni tiġi mneħħija wara li jkun għadda ż-żmien ta' l-irkupru ma jġibx għan-nullità ta' l-irkupru, u ma hux ta' ostakolu għar-retraent li jeżiġi r-rivendizzjoni favur tiegħu.*

L-attriċi fit-taħrika qalet li hi, biċ-ċedola nru. 214 tas-17 ta' Jannar 1944 (dok. A), irkuprat minn għand il-konvenut b'titolu ta' viċinanza u bi kwalunkwe titolu ieħor validu skond il-liġi l-utili dominju perpetwu u benefikati tal-mezzanin Birkirkara Road, nru. 40A., San Ġiljan, ġà numru 11C., imsejjaħ "Doris", sovrapost in parti fuq il-bini ta' proprjetà tagħha u suġġett għar-rata ta' ċens perpetwu ta' 16s. fis-sena; li huma, b'ċedola oħra numru 241 tal-21 ta' Frar 1944 (dok. B), irreintegraw id-depożitu skond l-ammont kontenut fl-interpellaz-

zjoni uffiċjali li għamel il-konvenut għal dana l-effett; u li l-konvenut ma jridx jiġi għar-rivendizzjoni, *non ostanti* li hu-ma b'nota tas-6 ta' Marzu 1944 (dok. C) tawh il-kunsens biex jirtira liberament id-depożitu effettwat biċ-ċedola numru 241 fuq imsemmija, u li ġie għal dana l-fini wkoll interpellat inutilment b'ittra uffiċjali tal-20 ta' Marzu 1944; u talbu li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenut ikun kundannat jiġi għar-rivendizzjoni tal-mezzanin fuq riferit fiż-żmien u fil-mod li jiġu stabbiliti minn din il-Qorti; u fin-nuqqas jiġi deċiż li r-rivendizzjoni fuq im-*semmija tiġi operata bis-saħħa tas-sentenza; bl-ispejjeż*, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-20 ta' Marzu 1944, kontra l-konvenut;

L-imħarrek wieġeb li ċ-ċedola ta' l-irkupru ta' l-attriċi waqgħet, billi d-depożitu reintegrativ tagħha, tal-21 ta' Frar 1944, kondizzjonat kif kien għall-ġurament ta' l-eċċipjenti, anki għall-ispejjeż notarili, tas-senserija, tal-konsult u ta' l-ittra uffiċjali, ma kienx skond il-liġi, u l-irtir ta' dik il-kondizzjoni kien intempestiv u wara li skada t-terminu; li għalhekk id-domanda ta' l-attriċi hija nfondata;

*Omissis;*

Il-Qorti tosserva illi fuq il-fatti ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti. Iżda l-imħarrek jippretendi li l-irkupru eżerċitat mill-atturi waqa' u ma kellux effett minħabba li fiċ-ċedola tad-depożitu reintegrativ magħmul wara l-ittra uffiċjali ta' l-imħarrek, l-atturi għamlu l-kondizzjoni li dawk il-flus minnhom depożitati b'dik iċ-ċedola kellhom jingħataw lill-imħarrek wara li huwa u l-kredituri hemm imsemmija jieħdu l-ġurament tas-somma żborżata u tas-somma li rċevew rispettivament. Dik il-kondizzjoni ġiet ritirata b'nota tas-6 ta' Marzu 1944, meta t-terminu ta' l-irkupru kien għalaq. Iżda l-liġi ma tgħidx li kondizzjoni relativa għall-iżbank tinvalida r-retratt. Kondizzjoni bħal dik li mponew l-atturi fiċ-ċedola setgħet biss tissospendi r-rivendizzjoni sakemm il-kondizzjoni tiġi eliminata, u setgħet iġġib il-konsegwenza li jibqgħu igħaddu l-imgħax sakemm l-iżbank isir liberu, kif wieħed jista' jargumenta mill-art. 1159 ta' l-Ord. VII ta' l-1868;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' t-talbiet, u għall-

**finijiet tar-rivendizzjoni** *taghti* lill-*imħarrek* xahar żmien;
**L-ispejjeż ibatihom l-imħarrek.**